MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-9 ta' Ġunju, 2023

Appell Inferjuri Numru 15/2022 LM

**Mary Bonello (K.I. nru. 627157M)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mid-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**, [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tal-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], tas-17 t'Awwissu, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha l-Arbitru ddeċieda li jilqa' l-appell tar-rikorrenti **Mary Bonello (K.I. nru. 627157M)**, fejn hija kienet qegħda tappella mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat tal-24 ta' Marzu, 2021.

## Fatti

2. Ir-rikorrenti kienet tirċievi l-Pensjoni tal-Età u l-Għajnuna għal Mard mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Fl-24 ta' Marzu, 2021, id-Direttur Ġenerali intimat bagħat jinforma lir-rikorrenti li hija ma kinitx għadha intitolata għall-Pensjoni tal-Età għaliex huwa ma kienx sodisfatt li l-valur tar-riżorsi kapitali tar-rikorrenti ma kienx jeċċedi l-€14,000 u/jew li hija ma ddisponietx mill-kapital sabiex tibqa' tikkwalifika għall-Pensjoni tal-Età.

## Mertu

3. Fir-rikors ippreżentat minnha quddiem l-Arbitru, ir-rikorrenti qalet li hija ma setgħetx tifhem għal liema raġuni ttieħdet id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat fil-konfront tagħha, u dan għaliex min sempliċi riċerka fil-kontijiet bankarji u/jew mir-riċerka ta' kwalsiasi assi li jista' għandha l-appellanta, ma jirriżultax li hija għandha fondi l-bank jew li għandha xi assi oħra, u għalhekk ir-riżorsi kapitali tagħha bl-ebda mod ma jaqbżu l-limitu indikat mil-liġi. Qalet ukoll li hija tgħix ġewwa fond li kien mikri minn ommha li ġiet nieqsa, u hija twieldet u trabbiet f'dan il-fond. Qalet li fl-istess fond kien jgħix ħuha, li kellu diżabilità u hija kienet tieħu ħsieb il-ħtiġijiet kollha ta' ħuha, għal liema hija qatt ma ngħatat jew applikat għall-assistenza jew għajnuna soċjali, avolja hija intitolata wkoll għal din l-għajnuna soċjali. Qalet li peress li hija tgħix f'fond b'titolu ta' kera, u minħabba l-bżonnijiet ta' ħuha, hija kienet kostretta li mill-ftit flus tagħha tagħmel ċertieammiljoramenti fid-dar ta' abitazzjoni tagħha. Ir-rikorrenti spjegat li hija persuna separata, u ilha hekk separata għal tul ta' żmien, u hija dejjem ħadet ħsieb tmantni lilha nnifisha u taħseb għall-bżonnijiet tagħha. Qalet

ukoll li hija intitolata għall-Pensjoni tal-Età u għall-Għajnuna Medika, u m'hemmx dubju li hija tissodisfa l-kriterji kollha għal tali għajnuna u pensjoni. Qalet ukoll li minn meta twaqqfulha l-Pensjoni tal-Età u l-Għajnuna Medika hija spiċċat mingħajr dħul, u għalhekk ma setgħetx tmantni lilha nnifisha u lil ħuha.

4. Fir-risposta tiegħu, id-Direttur Ġenerali intimat qal li minn stħarriġ li kien sar mid-Dipartiment irriżulta li fl-2001, ir-rikorrenti flimkien mal-*ex* raġel tagħha, kienu taw b'titolu ta' donazzjoni lil binhom Marlon Bonello garaxx, li kellu l-valur tiegħu rivedut għal €5,823, filwaqt li fl-2011 ir-rikorrenti kienet biegħet appartament bil-prezz ta' €58,234, li kellu l-valur tiegħu rivedut għal €69,534. Qal li kien għalhekk li fl-24 ta' Marzu, 2021, id-Direttur Ġenerali intimat informa lir-rikorrenti bid-deċiżjoni negattiva tiegħu.

5. Ir-rikorrenti fl-*affidavit* tagħha qalet li hija kienet biegħet appartament bl-indirizz Blokk B, Section 1, Flat 3, Qasam Ħal Dmikki, Ħal Għaxaq, li kienet id-dar matrimonjali tagħha u tar-raġel tagħha. Qalet li hija biegħet din il-proprjetà bil-prezz ta' LM15,000 lil Paul Sammut, u dan beda jgħaddilha pagamenti ta' LM1,000 meta kien ikun jista', għaliex il-kuntratt tat-trasferiment ma setax isir. Qalet li hija rċeviet dawn il-flus fuq medda ta' tliet snin, u dan qabel sar il-kuntratt finali ta' bejgħ tal-appartament imsemmi. Qalet ukoll li fuq l-att tal-bejgħ innifsu hija ma rċeviet l-ebda flus għaliex kienet diġà tħallset is-somma kollha dovuta. Qalet ukoll li l-kuntratt finali ta' trasferiment tal-appartament ġie ffirmat fl-20 ta' Ottubru, 2011, u minkejja li hija biegħet dan l-appartament bil-prezz iddikjarat minnha, il-Perit mibgħut mill-awtoritajiet fiskali sabiex jistma l-valur tal-fond ma kienx qabel mal-valur iddikjarat fuq il-kuntratt. Ir-rikorrenti qalet li b'dawn il-flus hija bdiet tirranġa d-dar li kienet tgħix fiha ommha, li kienet

mikrija lilha minn ċertu Carmelo Vella u tnejn minn ħutu. Qalet li dan il-post huwa antik ħafna u kien ilu ma jiġi rinnovat madwar mitt sena, u għalhekk ma kienx fi stat tajjeb. Qalet ukoll li hija kienet tgħix ma' ommha, u għalhekk bilfors li kellha tagħmel xi xogħlijiet, għaliex ommha kienet mara anzjana u għalhekk ma felħitx tagħmel ċerti xogħlijiet hi. Qalet li fil-fatt hija għadha tgħix fl-istess dar waħedha għaliex kemm ommha kif ukoll ħuha ġew neqsin. Qalet li fiż-żmien li hija daħlet tgħix f'dan il-fond, il-kċina kienet għadha bil-pjanċi tal-ħadid u t-*toilet* kien fil-kċina, filwaqt li l-katusi, *wires* u *casing* kienu kollha misduda. Qalet li hija waqqgħet il-kċina u s-sular ta' fuqha biex setgħet tibni kamra tal-banju, u kellha tagħmel xogħol ta' mogħdija ta' kanen tal-ilma u ta' *wirers* tad-dawl, kif ukoll kellha tibdel l-aperturi u tinstalla bibien. Ir-rikorrenti qalet li għamlet ukoll kisi bil-*membrane* fuq il-bejt tad-dar sabiex jiġi evitat l-ingress tal-ilma. Qalet li dan ix-xogħol ta' manutenzjoni sar kollu minnha, u l-flus li ħallset għax-xogħol u l-materjal jaqbżu sew l-ammont li hija daħħlet mill-bejgħ tal-appartament tagħha. Qalet ukoll li hija daħlet f'dawn l-ispejjeż għaliex kellha f'moħħha li tibqa' ddur b'ommha li kienet marida. Ir-rikorrenti qalet li wara l-mewt ta' ommha l-kirja daret fuqha, u hija baqgħet tgħix fl-istess dar.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-17 t'Awwissu, 2022, l-Arbitru ddeċieda l-appell quddiemu b'dan il-mod:

> *"**Ikkunsidra:***
>
> *Illi jirriżulta illi l-appellanta hija mara separata u jirriżulta wkoll li in segwitu għas-separazzjoni hija marret tabita ma' ommha li kienet mara anzjana;*

*Jirriżulta wkoll li ommha kienet ilha snin ma tagħmel manutenzjoni fil-post tal-abitazzjoni tagħha, li hu detenut b'titolu ta' kera.*

*Illi l-istat ħażin tal-fond jirriżulta mir-ritratti prodotti minn fejn jirriżultaw ix-xogħlijiet ta' ammeljoramenti li saru.*

*Illi għalhekk jirriżulta li saret spiża sostanzjali sabiex il-fond ġie reż aktar komdu u modern.*

*Jirriżulta wkoll li eventwalment omm l-appellanta u ħuha, li kien ukoll jabita fl-istess fond, ġew nieqsa u l-kirja ddevolviet għal fuq l-appellanta.*

*Illi għalhekk isegwi li dan kollu li sar, u ċioe l-ispejjeż kollha inkorsi sabiex il-fond ġie reż aktar komdu u abitabbli, saru għall-benefiċċju aħħari tal-istess appellanta.*

*Illi għalhekk ukoll, l-esponenti ma jistax jasal għall-istess konklużjoni li wasal għaliha l-appellat u ċioe li ddisponiet mir-riżorsi sabiex tikkwalifika għall-Pensjoni tal-Età.*

***Decide***

*Għaldaqstant l-Arbitru, filwaqt illi jagħmel referenza għas-suespost u għall-aggravji tal-Appellant kif dedotti, jiddisponi minn dan l-appell billi:*

*i. Ma jikkondividx il-konklużjoni raġġunta mid-Direttur Għal Għajnuna Soċjali u ċioe li l-Appellanta ma ddisponietx mir-riżorsi sabiex tikkwalifika għall-Pensjoni tal-Età;*
*ii. Jannulla u jikkanċella d-deċiżjoni tad-Direttur tal-24 ta' Marzu, 2021 li permezz tagħha informa lill-appellanta bid-deċiżjoni tiegħu;*
*iii. Jilqa' l-appell tal-appellanta kif dedott."*

## L-Appell

7. Id-Direttur Ġenerali appellant ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fid-19 ta' Settembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tal-Arbitru tas-17 t'Awwissu, 2022 fl-ismijiet premessi, u konsegwentement tgħaddi biex tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

8. L-appellant spjega li l-artikolu 66 tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi għadd ta' rekwiżiti li jridu jiġu sodisfatti biex persuna tkun eliġibbli

għall-Pensjoni tal-Età, fosthom li l-mezzi tiegħu jew tagħha fil-ġimgħa, kalkolati skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att, ma jkunux iżjed mill-ogħla rata ta' Pensjoni tal-Età. L-appellant għamel riferiment għall-provi miġjuba quddiem l-Arbitru, fosthom il-kuntratt ta' bejgħ tal-20 ta' Ottubru, 2011, li permezz tiegħu l-appellata ttrasferiet l-appartament numru 3, fi *groundfloor level,* Sezzjoni numru 1, Blokk B, Qasam ta' Ħal Dmikki, Għaxaq, fejn ġie ddikjarat li l-bejgħ kien qiegħed isir bil-prezz ta' €35,000, liema somma l-appellata ddikjarat li kienet irċeviet mingħand ix-xerrej minn qabel. L-appellant għamel riferiment għad-dokumenti li nġabu quddiem l-Arbitru, għas-sottomissjonijiet tal-partijiet u għall-*affidavit* tal-appellanta, u qal li minkejja l-provi kollha miġjuba fil-proċeduri tal-arbitraġġ, l-Arbitru ddeċieda li ma jikkondividix id-deċiżjoni tiegħu li l-appellanta ddisponiet mir-riżorsi sabiex tikkwalifika għall-Pensjoni tal-Età, u għalhekk ikkanċella d-deċiżjoni li kienet ittieħdet mid-Direttur Ġenerali appellant. L-appellant għamel riferiment għall-konsiderazzjonijiet tal-Arbitru, u qal li huwa ħassu aggravat għaliex fil-fehma tiegħu l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi applikabbli b'mod korrett.

9. L-appellant beda billi qal li l-artikolu 20 tal-Kap. 318 jistabbilixxi għadd ta' rekwiżiti li jridu jiġu sodisfatti biex persuna tkun eliġibbli għall-Pensjoni tal-Età. Għamel riferiment għat-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318, li tispjega kif għandu jsir il-kalkolu tal-mezzi, u qal li kemm l-appellata kif ukoll l-Arbitru kellhom jifhmu li hekk kif sar il-bejgħ tal-appartament imsemmi, il-valur tar-riżorsi kapitali tal-appellata kien indubbjament jaqbeż l-iskala ta' €14,000 stabbilita bil-liġi, għaliex mill-imsemmi bejgħ l-appellata kellha dħul ta' €35,000. L-appellant irrefera wkoll għad-dikjarazzjoni li saret fl-att ta' trasferiment, fejn ingħad li filwaqt li l-prezz miftiehem bejn il-partijiet huwa ta' €35,000, fl-

opinjoni tal-kumpratur il-valur fis-suq miftuħ tal-fond in vendita huwa ta' €58,234.33, u għalhekk għandu jirriżulta li din il-proprjetà kienet tiswa ferm aktar mill-prezz miftiehem fil-kuntratt, iżda għal xi raġuni l-appellata aċċettat il-prezz ta' €35,000. L-appellant qal li skont id-dokumentazzjoni tat-*Tax Compliance Unit,* kienet saret reviżjoni tal-valur tiegħu għal €69,534. Qal li fl-affidavit tagħha l-appellata spjegat li s-somma ta' €35,000 irċevietha fuq medda ta' tliet snin, iżda minkejja din id-dikjarazzjoni l-appellata naqset milli tressaq lix-xerrej bħala xhud sabiex jikkonferma dan. L-appellant qal li fi kwalunkwe każ għandu jirriżulta li l-appellata tħallset l-ammont ta' €35,000 in segwitu għal dan il-bejgħ.

10. L-appellant qal li l-appellata baqgħet qatt ma infurmat lid-Dipartiment li hija kellha dan id-dħul mill-bejgħ ta' proprjetà, kif kellha obbligu li tagħmel a tenur tal-artikolu 97(1)(b) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, u hija għażlet li ma tonorax l-obbligu mpost fuqha mil-liġi. Qal li b'dan in-nuqqas l-appellata kisret l-obbligu ta' fiduċja li kien hemm bejnha u d-Direttur Ġenerali appellant. L-appellant għamel riferiment ukoll għall-allegazzjoni tal-appellata li hija użat il-flus li rċeviet mill-bejgħ tal-appartament sabiex tagħmel ammeljoramenti fi proprjetà mikrija lil ommha, iżda qal li din naqset milli tressaq irċevuti bħala prova li l-flus li hija rċeviet mill-bejgħ tal-appartament użathom għal din ir-raġuni, u lanqas ma ġabet prova taż-żmien li fih saru dawn ix-xogħlijiet. Qal li wieħed ma jistax jistrieħ fuq ritratti sabiex jasal għall-konklużjoni li l-flus intużaw sabiex isiru dawn l-ammeljoramenti fil-proprjetà mikrija lilha, u ladarba l-appellata ma ġabitx prova konvinċenti li r-riżorsi tagħha ma kinux jeċċedu l-€14,000, u li hija ma ċaħħditx lilha nnifisha mill-kapital tagħha, l-appellant ma setax ikun sodisfatt li hija kienet għadha eliġibbli għall-Pensjoni tal-Età. L-

appellant qal li huwa mhuwiex f'pożizzjoni li jittollera abbużi, u fil-fehma tiegħu l-Arbitru naqas milli japplika korrettement id-disposizzjonijiet tal-artikolu 20 tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Skeda għall-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta, u naqas ukoll milli japplika l-prinċipji ta' ekwità u ta' ġustizzja skont l-obbligi imposti fuqu bl-artikolu 108(9) tal-istess Kap. Qal li l-Arbitru kellu obbligu li jħares il-liġi u li japplikaha bl-istess mod f'kull każ li jiġi ppreżentat quddiemu, iżda fil-każ odjern l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi kif mistenni minnu. Qal li bil-bejgħ tal-appartament fl-20 ta' Ottubru, 2011, huwa ċar li l-appellata eċċediet l-iskala, u għalhekk l-Arbitru kellu jiddeċiedi li hija ma kinitx għadha eliġibbli għall-pensjoni mitluba minnha.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

11. L-appellata ma daħħlet l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tal-appellant. Iżda l-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet li saru viva voce mill-avukati difensuri tal-partijiet, u għalhekk il-pożizzjoni tal-partijiet rispettivi f'dawn il-proċeduri xorta ġiet spjegata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

12. Fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant qal li l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi b'mod korrett għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Spjega li mill-provi esebiti fl-atti, kellu jirriżulta li l-appellata ddisponiet minn assi tagħha, u l-valur tal-kapital tagħha kien jeċċedi l-massimu stabbilit mil-liġi ta' €14,000, u kien għalhekk li l-appellant ħa d-deċiżjoni li hija ma tikkwalifikax jew m'għadhiex tikkwalifika għall-benefiċċji soċjali mitluba minnha. L-appellant qal li fis-sena 2000, l-

appellata kienet ittrasferiet garaxx b'titolu ta' donazzjoni favur binha Marlon Bonello, filwaqt li fis-sena 2011 l-appellata u żewġha kienu biegħu appartament lil terz, minn liema bejgħ hija ddikjarat li ma rċevietx aktar minn €35,000, minkejja li fuq l-att ta' trasferiment ġie dikjarat li l-valur tal-appartament kien ta' €58,235. Waqt it-trattazzjoni li semgħet din il-Qorti, l-avukat difensur tal-appellata qalet li dan mhux appell fuq punt ta' liġi iżda fuq il-mertu, u għalhekk din il-Qorti għandha tirrifjuta li tieħu konjizzjoni tiegħu.

13. Dan huwa appell wieħed minn tlieta li hija involuta fihom l-appellata, li apparti li ġiet infurmata mid-Direttur Ġenerali appellant li hija mhijiex eliġibbli għall-benefiċċji soċjali li kienet applikat għalihom u li ilha tirċievi għal diversi snin, qegħda tintalab trodd lura ammonti ta' flus li rċeviet bħala benefiċċji bejn l-2011 u l-2021. L-ammont li qegħda tintalab trodd lura l-appellata jeċċedi bil-bosta kwalsiasi rikavat li hija kellha mill-bejgħ tal-appartament fl-2011. L-appellata xehdet li dawn il-proċeduri lilha poġġewha fi stat finanzjarju pjetuż għaliex l-introjtu tagħha ġie fix-xejn, apparti li qegħda tintalab tirrifondi flus li rċeviet f'benefiċċji fuq medda ta' snin, u għalhekk is-somma li qegħda tintalab tirrifondi hija waħda sostanzjali għaliha. Il-flus li l-appellata qegħda tintalab tirrifondi lura tħallsu lilha għaliex kienet ittieħdet id-deċiżjoni mid-Dipartiment appellant li hija eliġibbli għalihom, u l-ammont li rċeviet kien l-ammont meqjus li huwa meħtieġ għal persuna fl-istat tagħha sabiex tkun tista' tgħix b'mod dinjituż. Dan huwa l-iskop għalfejn jitħallsu l-benefiċċji soċjali f'pajjiżna.

14. Il-Qorti tirrileva li dawn il-proċeduri nbdew permezz ta' azzjoni amministrattiva da parti tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, li fetaħ il-*file* tal-appellata diversi snin wara li kienet ittieħdet id-deċiżjoni mill-istess Dipartiment

li l-appellata kienet eliġibbli għal dawn il-benefiċċji. Kif jirriżulta mill-provi, kien wara l-investigazzjoni li saret li d-Direttur Ġenerali appellant stabbilixxa li l-appellata kienet involuta fit-trasferiment ta' żewġ proprjetajiet, garaxx li ġie ttrasferit b'titolu ta' donazzjoni fis-sena 2000, u appartament li ġie ttrasferit b'titolu ta' bejgħ fis-sena 2011. L-appellata spjegat li hija nefqet il-flus li daħħlet minn dan il-bejgħ għaliex kellha bżonn tagħmel xogħlijiet ta' manutenzjoni qawwi fir-residenza ta' ommha, liema proprjetà hija mikrija, fejn illum il-ġurnata tgħix l-appellata. Mill-atti jirriżulta wkoll li għal bosta snin l-appellata kellha tieħu ħsieb ħuha li kellu diżabilità. Huwa hawnhekk fejn il-Qorti tqis li l-azzjoni tal-appellant ma kinitx waħda amministrattivament korretta jew raġonevoli. Kien hemm dewmien ta' aktar minn għaxar snin minn mindu ġie ttrasferit l-appartament, biex l-appellata ġiet infurmata li minħabba f'dak it-trasferiment hija mhijiex meqjusa eliġibbli għall-benefiċċji soċjali, allavolja snin qabel kienet ittieħdet id-deċiżjoni li kienet eliġibbli għalihom. L-appellant jgħid li l-appellata ma ġabet l-ebda prova sabiex turi fiex nefqet dawk il-flus u li hija verament kellha bżonn tagħmel xogħol ta' manutenzjoni fid-dar ta' abitazzjoni tagħha. Il-Qorti tqis li ladarba l-investigazzjoni dwar l-appellata skattat fuq inizjattiva tad-Dipartiment appellant, kellu jkun id-Dipartiment li jġib provi inkontrovertibbli li l-appellata verament kellha kapital li jeċċedi l-massimu stabbilit bil-liġi wara li kien ġie deċiż li hija eliġibbli għal dawn il-benefiċċji. Barra minn hekk id-dewmien m'għandux jaħdem kontra l-appellata jekk hija ma ppreżentatx irċevuti bħala prova, għaliex mhuwiex raġonevoli li l-appellant jippretendi li l-appellata wara dawn is-snin kollha żammet l-irċevuti tal-infiq fix-xogħlijiet li għamlet fid-dar mikrija minn ommha. Il-Qorti hija tal-fehma li qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet amministrattivi li ser iħallu impatt fuq il-kwalità tal-ħajja ta' persuni bħall-

appellata, l-appellant kellu jressaq provi ċirkostanzjali oħrajn, bħal per eżempju statements ta' kontijiet bankarji minn fejn għandu jirriżulta l-kapital li jeċċedi l-massimu stabbilit bil-Kap. 318, jew provi oħra li juru li l-individwu għandu biex jgħix. Hemm differenza bejn persuna li ddaħħal somma flus mill-bejgħ ta' proprjetà u tkun kapaċi tinvesti dik is-somma b'tali mod li tħallilha xi forma ta' introjtu żgħir kemm huwa żgħir, u persuna li jkollha bżonn tbiegħ assi tagħha biex tkun tista' tgħix b'mod dinjituż, kif ġara fil-każ odjern.

15. Il-Qorti tqis li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija waħda li tirrispetta l-prinċipji tal-ekwità u tal-ġustizzja, u d-deċiżjoni amministrattiva li ttieħdet mid-Direttur Ġenerali appellant ma tistax titqies li hija waħda raġonevoli. Il-Qorti tirrileva wkoll li d-dewmien min-naħa tal-appellant biex beda investigazzjoni dwar l-appellata wassal biex hija baqgħet tirċievi l-benefiċċji, li wara kollox kien l-istess Dipartiment li ddeċieda li hija eliġibbli għalihom, bir-riżultat li l-ammont ta' flus li l-appellata issa qegħda tintalab tirrifondi lura saħansitra jeċċedi r-rikavat mill-bejgħ tal-appartament. Il-Qorti hija tal-fehma li qabel jittieħdu deċiżjonijiet bħal dik in diżamina li l-appellata għandha tirrifondi xi flus, għandu jiġi stabbilit jekk l-appellanta hux ser tkun tista' tgħix b'mod dinjituż f'każ li hija titlef kull benefiċċju li kienet tirċievi s'issa jew f'każ li hija tintalab tirrifondi l-flus li rċeviet fuq medda ta' snin. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-appell intavolat mill-appellant mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**